MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2004

Avviz Numru. 768/2001/1

**Atlas Insurance Agency Limited in rapprezentanza tas-socjeta' estera Maritime Insurance Company Limited kif surrogati fid-drittijiet tal-assigurata taghha Five Star Printing and Design Limited abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni u tal-ligi, u l-istess Five Star Printing and Design Limited**

**vs**

**Schembri Bros.(Burdnara) Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ipprezentat mis-socjetajiet attrici fit-30 ta' Awissu, 2001 fejn talbu lil din il-Qorti li tikkundanna lis-socjeta' konvenuta illi thallas is-somma komplessiva ta' tlett elef, disa' mija u wiehed u tmenin lira Maltin (Lm3,981) jew somma ohra verjuri li tigi likwidata minn dina l-Qorti, jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi, rapprezentanti d-danni f'magna Agfa Platemaker u spejjez ghas-survey relattiv, kkagunati mis-

socjeta’ konvenuta fl-14 ta’ Marzu, 2001 waqt illi din kienet fil-kura w il-kustodja tas-socjeta’ konvenuta, minhabba negligenza, traskuragni u nuqqas ta’ hila da parte tas-socjeta’ konvenuta fl-ezercizzju tal-professjoni taghha, li ghalihom is-socjeta’ attrici gja hallset.

Bl-imghax legali mid-data tal-prezentata ta’ l-Avviz ghas-smiegh u bl-ispejjez komprizi kontra s-socjeta’ konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta fejn eccepiet:

1. Illi s-socjeta’ konvenuta ma tahti ghall-ebda negligenza jew nuqqas ta’ hila u kwindi m’ghandhiex tigi kkundannata thallas l-ebda danni. In effetti l-allegata hsara grat waqt li l-makkinarju in kwistjoni kien qed jigi ‘handed’ minn impjegati ta’ l-istess socjeta’ assirkurata Five Star Printing and Design Limited u se mai l-allegata hsara grat biss minhabba negligenza u nuqqas ta’ hila da [arti taghhom.
2. Illi fi kwalunkwe kaz id-danni huma esagerati.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi s-socjeta’ attrici, Five Star Printing and Design Limited impurtat Malta fid-9 ta’ Marzu, 2001 *offset printing machine* tal-marka Agfa Platemaker. Din il-merkanzija giet assigurata mis-socjeta’ attrici Atlas Insurance.
Mall-wasla taghha Malta, Jesmond Arpa bhala direttur tas-socjeta’ Five Star Printing and Design Limited qabbad lis-socjeta’ konvenuta bhala burdnara biex iwasslu l-magna f’fond li gie ndikat lilhom go Hal Balzan. Frans Schembri, rapprezentant tas-socjeta’ konvenuta wassal din il-magna u gie mitlub mis-socjeta’ Five Star Printing and Design sabiex itella l-magna fl-ewwel sular tal-fond indikat.

Jesmond Arpa staqsih jekk kellux *high-up*, Schembri wiegeb fl-affermattiv u ftehmu fuq gurnata meta l-operazzjoni kellha ssir. Minhabba l-kobor tal-merkanzija Arpa zarmha fi tnejn u qal li l-lewwel parti dahlet fil-fond minghajr problemi, izda t-tieni wahda, illi kienet ftit aktar goffa minn ta' l-ewwel habtet mar-*railings* tal-gallarija u waqghet fl-art, fejn giet danneggjata serjament.

Brian Valenzia, in rapprezentanza tas-socjeta' assiguratrici xehed (fol. 14) illi meta mar biex jaghmel is-*survey* sab illi l-magna tkissret kompletament u ma setghetx tissewwa. Ghalhekk, ipprocessa t-talba illi saret mill-klijenti taghhom, Five Star Printing and Design Limited u hallsu ghad-danni li huwa l-ammont illi issa qeghdin jirreklamaw fl-avviz.

Frans Schembri, ghan-nom tas-socjeta' konvenuta (fol. 31) jghid illi ma kienx responsabbli ghad-danni li garrbet il-magna peress illi kien mitlub iwassal il-magna sall-gallarija, biex imbaghad ir-rapprezentanti tas-socjeta' Five Star Printing and Design idahhluha fil-kamra. Jghid illi kien hu li rabat il-magna u wassalha sall-gallarija u minn hemmhekk il-haddiema tal-kumpanija kellhom idahhluha gewwa. Pero' ma nrexxilhomx jaghmlu dan peress illi waqt li kienu qeghdin jigbduha harget minn gol braga u waqghet ma' l-art.

Jesmond Arpa, (fol. 37) jikkonferma illi kien qabbad lis-socjeta' konvenuta, pero' l-kummissjoni kienet illi jwasslu l-magna sal-gallarija u mhux sa' r-*railings*. Jghid illi ma qaghadx jindahal mall-konvenut bil-mod kif kellha tiddahhal il-magna, lanqas in-numru ta' nies illi kellu bzonn, qabbdu biex jiehdu hsieb kollox. Wara li l-magna waqghet, Schembri qallu biex ma jinwektax peress illi kien assigurat.

Xehed f'din il-kawza Hilary Caruana (fol. 45) fejn qal li l-post fejn kellha tiddahhal il-magna kien mikri ghandu u kien gab permess minghand is-sid sabiex jaqla' r-*railings*, izda gie nfurmat illi Schembri kien qal illi ma kienx hemm ghalfejn dawn jitnehhew. Kien prezenti meta saret l-

operazzjoni, ra l-ewwel magna tidhol fil-kamra minghajr inkwiet. Frans Schembri ha hsieb ukoll jimbragar tat-tieni magna, li uza l-istess sistema, pero' hija u tiela habtet mar-*railings*, inqalghet minn mal-braga u zelqet ghall-isfel.

Dwar l-operazzjoni jghid, "Din kienet qed titmexxa nterament mill-burdnara u hallejt f'idejhom sabiex jorgannizaw il-passagg. Fil-fatt jiena ma ndhalt f'xejn." Pero', jghid illi darba l-magna kienet fil-gallarija huwa kaxkarha 'l gewwa, izda meta wasal ghat-tieni magna dina qatt ma resqet 'il gewwa minn fuq il-gallarija peress illi habtet mar-*railings* u waqghet ghall-isfel. Il-magna dejjem baqghet fuq in-naha ta' barra u qatt ma qabzet ix-xifer tal-gallarija.

Irrizulta wkoll illi l-magna li waqghet kienet tizen madwar tliet mitt kilo u Frans Schembri spjega l-mod kif giet imbragata u kif il-ganc li kien qed itella l-magna kien marbut b'molla, liema molla bilfors kellha tigi maghfusa bl-idejn biex imbaghad bl-id l-ohra tinqala' l-braga jew *sling*.

Ikkunsidrat:

Illi fl-isfond ta' dawn ir-rizultanzi processwali, l-Qorti ssib li l-verzjoni moghtija mill-atturi hija aktar vero simili minn dik moghtija mill-konvenut. Meta l-konvenut gie moghti l-inkarigu, hu probabbli illi dana kien li jwassal il-magna sal-gallarija u cioe' sa' l-art tal-gallarija, biex imbaghad minn hemm hekk tigi mkaxkra ghal gewwa fuq ir-roti illi kellha.

Il-Qorti ma tistax timmagina kif Frans Schembri seta' jhalli l-magna fl-arja biex imbaghad dina tinhatt minn membri tas-socjeta' Five Star Printing and Design u tiddahhal gewwa l-kamra. Il-magna kienet tizen mat-tliet mitt kilo u zgur illi ma segehtx bl-idejn tigi olzata biex tinqala' minn mal-ganc. Bilfors illi l-magna kellha titnizzel ma' l-art biex imbaghad bl-idejn tista tigi maghfusa l-molla, tinqala' l-braga u l-magna titressaq 'l gewwa.

Li gara kien illi waqt li Schembri kien qed itella din il-magna, meta waslet livell mall-gallarija habtet mar-*railings* u ccaqalqet 'il barra mill-braga, tilfet il-bilanc u waqghet

ghal isfel ma' l-art. Veru illi dana kien kaz accidentali, pero' l-Qorti jidhrilha illi kien hemm element ta' traskuragni da parti ta' Schembri meta ma hax il-prekawzjonijiet kollha biex jassigura ruhu illi din il-magna ma tinqalax. Veru, illi l-ganc uzat biex titella' l-magna kien wiehed ta' certa sokor u l-braga zgur illi ma setghetx tinqala minnha, pero' milli jidher ma kien hemm xejn li jzomm il-magna milli tizzerzaq il-barra mill-braga darba tilef l-ekwilibru taghha, kif gara f'dan il-kaz meta habtet mall-gallarija. Veru wkoll illi s-socjeta' Five Star Printing and Design ottjeniet il-permess biex taqla' r-*railings* pero' kien Schembri illi rrimarka illi ma kienx hemm ghalfejn jinqalghu. Dana huwa wkoll pass mhux ghaqli peress illi r-*railings* setghu fixklu kif fil-fatt ghamlu bl-operazzjoni tal-garr.

Il-Qorti mhijiex qeda tiddubita dwar il-kapacitajiet professjonali illi kellha s-socjeta' konvenuta sabiex twassal il-merkanzija fl-ewwel sular. Pero', din hadet riskji bla bzonn meta m'accertatx ruhha illi l-magna tibqa marbuta, anki meta titlef il-bilanc u illi r-*railings* ma jkunux ta' ostaklu ghall-operazzjoni. Dawn iz-zewg fatturi kienu determinanti u mportanti hafna ghall-ezitu favorevoli ta' l-operazzjoni. Ezitu illi sfortunatament spicca biex gew kazati d-danni wara li l-magna spiccat ma' l-art u tenut kont il-piz taghha, l-Qorti ma tiskantax li din giet distrutta kompletament.

Il-Qorti jidhrilha li ladarba s-socjeta' konvenuta kellha l-mezzi sabiex twettaq l-operazzjoni, kien id-dover taghha illi tassigura illi l-operazzjoni tigi mwettqa b'success. Anki jekk il-klijent taghha jaghmel xi suggeriment illi b'xi mod l-operazzjoni setghet tkun pregudikata, huwa d-dmir ta' min ikun accetta x-xoghol illi jara li dana jigi mwettaq minghajr periklu ghal hadd, minkejja dak illi jinsisti ghalih il-klijent. Jekk is-socjeta' konvenuta dehrilha illi dak illi gie suggerit ma kienx ser ikun sufficjenti jew minghajr periklu, allura kienet fid-dover li tirrifjuta x-xoghol u mhux tiehdu bir-riskji illi kien jinvolvi (ara <u>Anthony Galea vs Raymond Gatt</u> Prim' Awla Qorti Civili deciza fil-25 ta' Marzu, 1994).

Ghalhekk, il-Qorti jidhrilha li l-atturi rnexxilhom ilahhqu dak il-grad ta' prova illi juri element ta' traskuragni fl-operat

tas-socjeta’ konvenuta, liema traskuragni kienet il-kawza prossima tad-danni lamentati.

Fuq dak illi jirrigwarda l-*quantum* ma jihdirx illi hemm kontestazzjoni. Gew esebiti d-dokumentazzjoni kollha inkluza s-*subrogation form* u l-ircevuti fejn jidher il-hlas maghmul mis-socjeta’ attrici lis-socjeta’ l-ohra Five Star Printing and Design Limited.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ talbiet tas-socjetajiet attrici u tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta illi thallshom is-somma komplessiva ta’ tlett elef, disa’ mija u wiehed u tmenin lira Maltin (Lm3,981) rapprezentanti d-danni f’magna Agfa Platemaker u spejjez ghas-*survey* relattiv, kkagunati mis-socjeta’ konvenuta fl-14 ta’ Marzu, 2001 waqt illi din kienet fl-operazzjoni tat-trasport tal-magna fuq imsemmija li gralha hsara minhabba traskuragni da parte tas-socjeta’ konvenuta.

Bl-ispejjez u l-interessi legali mid-data tas-sentenza kontra s-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------